C/2024/6595

29.10.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11732 – CARLYLE / VANTIVE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6595)

1. Fil-21 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— The Carlyle Group Inc. ("Carlyle", l-Istati Uniti),

— Vantive ("Vantive", l-Istati Uniti), id-diviżjoni tan-negozju tal-kura tal-kliewi ta' Baxter International Inc. ("Baxter", l-Istati Uniti).

Carlyle se takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Vantive kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Carlyle hija maniġer tal-assi alternattivi globali, li timmaniġġja fondi li jinvestu globalment fi tliet dixxiplini ta' investiment: (i) ekwità privata globali (inklużi fondi ta' ekwità privata korporattiva, proprjetà immobbli u riżorsi naturali); (ii) kreditu globali (inkluż kreditu likwidu, kreditu illikwidu u kreditu tal-assi reali); u (iii) soluzzjonijiet ta' investiment (programm ta' fond ta' fondi ta' ekwità privata, li jinkludi fond primarju, attivitajiet sekondarji u attivitajiet ta' koinvestiment relatati).

— Vantive hija d-diviżjoni tan-negozju tal-kura tal-kliewi ta' Baxter. Vantive hija primarjament attiva fil-provvista ta' prodotti ta' terapija ta' sostituzzjoni tal-kliewi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11732 – CARLYLE / VANTIVE

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË